MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2010

Numru. 380/2006

**IL-PULIZIJA
SPETTUR ANTHONY CASSAR**

**KONRA**

**ADRIAN SPITERI ta' 25 sena, iben Anthony u Concetta nee' Portelli, imwieled Tal-Pieta' nhar it-08.01.1985, residenti fil-fond numru 32, Triq il-Gardiel, Marsascala, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 78285M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **ADRIAN SPITERI** li gie akkuzat talli f'Marsascala, nhar il-Gimgha 19 ta' Settembru, 2003 ghall-habta ta' xis-sitta u nofs ta' fil-ghodu:

1. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ Brian-David Theuma miz-Zejtun, meta spara tir ta’ arma tan-nar u cioe’ senter ta’ l-ghamla Antonio Zoli, bin-numru tar-registrazzjoni 686691 fid-direzzjoni tieghu u kkagunalu feriti ta’ natura gravi f’ghajnejh tal-lemin, liema ferita kkagunat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti jew gabet difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem;

2. U aktar tali kkommetta serq ta’ l-imsemmi senter bin-numru tar-registrazzjoni 686691 li l-valur tieghu huwa ta’ hamsa u tmenin lira Maltin, ghad-dannu ta’ missieru Anthony Spiteri, liema kaz huwa dak ta’ serq semplici, l-utli li kellu fi hsiebu, kien dak ta’ l-uzu biss tal-haga u cioe’ ta’ l-istess senter, bil-hsieb li jroddu lura minnufih;

3. U aktar talli spara l-arma tan-nar imsemmija f’anqas minn mitejn metru mill-abitat;

4. U aktar talli garr u zamm fuqu arma tan-nar bin-numru tar-registrazzjoni 686691 kif ukoll munizzjon minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat li fi stadju ta’ interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Rat ukoll illi fil-mori ta’ dawn il-proceduri l-Avukat Generali baghat l-Artikoli taht liema kien hemm mahsuba li tista’ tinstab htija, u cioe’:
L-Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikoli 284 u 288 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikoli 2, 3, u 19 tal-Kapitolu 66 illum Kapitolu 402 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikolu 24(2) tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi moqrija l-istess Artikoli l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (27.11.2009).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-Ispettur Anthony Cassar xehed illi kien gie nfurmat minn certu Dr Karl Mercieca li kien ghadu kif ezamina lil certu Brian David Theuma li kien sofra perforazzjoni f’ghajnejh il-leminija kawzata minn comba ta’ senter, liema ferita kienet ikklassifikata bhala gravi.

Irrizulta minn investigazzjoni li dan kien intlaqat minn kaccatur bl-isem ta’ Adrian Spiteri.

Ghalhekk Adrian Spiteri wara li gie nvestigat ghazel illi jirrilaxxa stqarrija, Dok AC 1 folio 15 – 17.

Fiha qal illi la kellu sensja ta’ kacca u lanqas kellu xi senter registrat fuq ismu. Ammetta li kien uza s-senter ta’ missieru. Qal illi kif kien qieghed ibexbex ra gamiema go l-ghelieqi li nizlet fuq tina. Mar gab is-senter ta’ missieru minn fuq il-gwardarobba mill-kamra ta’ missieru, fejn dan kien ghadu rieqed, ramah u kkargah b’zewg skratac. Qal illi dawn l-iskratac kien iddubbahom xi xhur qabel minghand xi kaccaturi u zammhom biex juzahom meta jigih cans. Qal illi missieru qatt ma hallih juza s-senter. Ammetta li meta spara minflok il-gamiema laqat kaccatur. Induna ghax semghu jghid ‘Ajma!’, u mar hdejh u qallu ‘Ara x’ghamiltli!’ folio 17.

Brian Theuma xehed illi dakinhar ta’ l-incident nizel San Tumas go ghalqa. Hemm kif wasal f’nofsha sema’ tir u mat-tir habat xi haga ma’ wiccu, u ghajnejh giet sewda f’daqqa mill-ewwel. Kien mugugh hafna. Mieghu, Adrian li kellu s-senter f’idu, ammetta li kien spara tir. Irrizulta li kienet iccartitlu r-retina. Gie operat tliet darbiet. Xehed illi kien ghad jonqsu zewg operazzjonijiet ohra. Spjega li wara l-incident ghajnejh kienet sewda black, jigifieri oggett iswed, ma jara xejn minnha u li issa kien jara affarijiet jiccaqalqu qishom sfumati, hafna mzelleg (folio 20).

Xehed illi lill-imputat kien avzah kemm-il darba biex ma jisparax baxx.

Angelo Spagnol, ziju ta' l-imputat, xehed illi meta nltaqat Brian sab lill-imputat bis-senter f'idejh. L-imputat ammetta mieghu li kien spara.

Dr Albert Bezzina spjega l-griehi serji li sofriet ghajnejn Brian, liema griehi ma kinux riversibbli. Spjega li l-opportunitajiet ta' Brian Theuma issa naqsu minhabba l-limitazzjoni fil-vista.

Xehdu l-Brigadier Maurice Calleja u PS 154 Jesmond Cassar li ezebew ir-relazzjoni Dok MC. Spjegaw li s-senter in kwistjoni. Dawn iz-zewg esperti gew nominati minn din il-Qorti biex jezaminaw is-senter u l-iskratac (seduta 21.06.2007 folio 43). Xehdu li l-arma kienet wahda li kienet tiffunzjona tajjeb. Spjega wkoll il-Brigadier Calleja li l-iskratac kollha kien ikollhom l-istess ammont ta' comb. Lill-Brigadier sarulu wkoll diversi mistoqsijiet dwar jekk setax kien hemm comb mhux tond, allura difettuz li jitlef it-trajjettorja, pero din tac-comb difettuz kienet biss ipotesi.

WPS 15 Caroline Camilleri xehdet illi certu Anthony Spiteri karta ta' l-identita' 925451M kellu licenzja fuqu ta' arma shotgun, vide Dok CC.

L-imputat ghazel anke li jixhed minn jeddu. Qal illi lejn is-6.30am dakinhar ta' l-incident, waqt li kien qieghed jiehu bela café, ra gamiema niezla fuq ghalqa taghhom fuq sigra tat-tin. Dahal gewwa u gab minn fuq il-gwardarobba ta' missieru senter li kien zarmat u ghalhekk ramah. Spara waqt illi kien ghadu qieghed ibexbex, hawn sema' lil Brian jghajjatlu. Qallu 'Isma' ara x'ghamiltli!'. Xehed illi ma kienx jaf f'liema ghajn laqtu. Qal illi hu spara fil-gholi u li lil Brian laqtu b'comba wahda, tant illi qal li l-gamiema kienet bdiet ittir meta spara. Anzi xehed illi spara x'hin beda jbexbex, il-gamiema kienet qatghet fl-arja, hekk raha, u ghalhekk ma setax jifhem kif laqat lil Brian ghax skondtu spara fil-gholi.

Pero mistoqsi mill-Qorti jekk setax jara l-gamiema, wiegeb iva, mistoqsi jekk kinitx go sigra wiegeb ‘Iva imma taret x’hin bdiet niezla ‘l isfel lejn is-sigar.’ Mistoqsi mill-Qorti jekk allura sparax x’hin bdiet ittir il-gamiema, wiegeb ‘Iva’, mistoqsi jekk allura mmirax ‘il fuq wiegeb iva, mistoqsi allura jekk Theuma kienx fis-sigra wiegeb ‘Kieku jiena sparajt ‘l isfel.’

Ammetta in kontro ezami li s-sigra li spara lejha kienet aktar fil-gholi minnu. Xehed ukoll illi dik kienet l-ewwel darba li spara. Spjega li kien jaf kif kellu jarma s-senter, ghax missieru kien ihallieh bil-kanna maqtugha, ghax kien jara lil missieru jaghtih iz-zejt. Ammetta li ma kellux licenzji biex izomm jew jispara. Baqa’ neganti li hu qatt kien spara qabel. Spiteri rega’ xehed u ezebixxa ritratt tax-xena tar-reat in dezamina. Baqa’ anke hawn insistenti li hu spara ‘l fuq lejn il-gamiema li kienet taret minn fuq is-sigra.

Ikkunsidrat:

Illi frankament xejn u ma tantx ghandha xi tghid din il-Qorti fuq dan l-incident rizultat ta’ traskuragni grossolana. Kull ma gara kien biss li Adrian Spiteri spara lejn gamiema li taret minn fuq sigra appena taret, pero dan bla kalkolu ghall-fatt illi wara l-istess sigra kien hemm ragel, tant illi lil dan ir-ragel ma rahx u ghalhekk laqtu. Issa bhala linja difensjonali, ghall-Qorti fjakka, id-Difiza harget bl-idea ta’ comba li ghal rasha marret zmerc. Minflok li l-Qorti temmen li Spiteri b’entuzjazmu biex joqtol lill-gamiema fi kliemu (a folio 16) fl-istqarrija qal ‘Hrigt nigri ‘l barra, u hrigt irrankat ghall-gamiema’, u dak hu ezattament li gara. Spiteri guvnott bi ftit esperjenza ta’ kacca, anke dan ex admissis, ma jmurx ma joqtolx lil din il-gamiema, b’entuzjazmu kbir spara lejha bla kalkolu ghal min seta’ kien hemm wara s-sigra. Anke hawn konsapevoli li f’ghalqa fejn intlaqghat Theuma seta’ jidhol kulhadd (*ibid*).

Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda ssib lil Adrian Spiteri hati ta’ l-ewwel akkuza, wara li rat l-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Hati tat-tieni akkuza in kwantu hemm sar furto d'uso dan ai termini ta' l-Artikoli 284 u 288 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Liberat mir-raba' akkuza in kwantu tali abitazzjoni mhux sufficjentement pruvata – l-incident fil-fatt sar fir-raba;
Liberat ukoll mill-effetti tal-Artikoli 2, 3, u 19 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta (illum 480) in kwantu ma jirrizultawx iz-zamma ta' l-arma taht l-Artikolu 3 ta' l-imsemmi Kapitolu 66.

Dwar il-piena, rat il-fedina penali netta ta' l-imputat, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur sospizi ghal sena (1) u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tiskwalifikah milli jkollu jew izomm licenzji taht il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sena (1) mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------